MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1351/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Marisa Stella Camilleri ( ID no. 350055 M)**

**Vs**

**Daniella Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' mitejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u seba u erbghin centezmu. (Lm222.47c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta fejn l-konvenuta tammetti illi hija kienet responsabbli ta' dan l-incident kif ukoll tiddikjara d-disponibilita taghha illi thallas limitatament ghal dawn id-danni.

Fit-tieni lok tghid illi kull talba riferibbilment ghad-danni ulterjuri hija fermement respinta bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Fit-tielet lok tghid illi hija ma' ghandhiex tbati l-ispejjez tal-presenti.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-road accident report fejn Marisa Stella Camilleri qalet:

"Kont wieqfa fi traffic jam u f'daqqa wahda hassejt daqqa fuq wara li dahlet POL444 u bid-daqqa tefghatni go MAR086."

Il-konvenuta qalet:

"Kont gejja bil-mod u kemm missejt bil-mod lil BAI882 li jiena kont fit-traffic ukoll".

Chris St. John li kien quddiem il-vettura ta' Marisa Stella Camilleri qal:

"Kont wieqaf fit-traffic u f'daqqa wahda hassejt daqqa fuq wara u kienet BAI882 li dahlet go fija."

Ra x-xhieda ta' Marisa Stella Camilleri fejn tikkonferma li qalet fir-road accident report. Tghid illi kien hemm iktar minn zewg metri bejn il-vettura taghha u dik ta' quddiemha.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tikkonferma li qalet fir-road accident report. Tghid illi l-vettura ta' Camilleri ma' kelliex hsara fuq wara.

Fil-kontro-ezami tikkonferma li bejn il-vettura taghha u dik ta' quddiemha kien hemm distanza qasira. Tikkonferma wkoll li hi ma' kellha l-ebda hsara fuq quddiem tal-vettura taghha.

Tichad illi tefghat il-vettura ta' Camilleri fuq il-vettura ta' quddiemha. Izda tikkonferma li ma' semghat l-ebda hoss ta' xi habta qabel ma' strihat fuq il-vettura ta' Camilleri. Tghid illi ndunat bil-habta ta' Camilleri u l-vettura ta' quddiemha meta kienet lahqet strihat mal-karozza ta' Camilleri.

Ra x-xhieda ta' Natalino Agius li huwa s-surveyor fejn jikkonferma s-survey report. Jikkonferma wkoll illi kien hemm iktar hsara fuq quddiem tal-vettura ta' Camilleri milli fuq wara. Jghid illi l-bumper ta' Camilleri ma' kellux jinbidel u ma' kellux isir originali lanqas ghaliex il-vettura kienet antika u tissettja ruhha ftit ir-rear panel. Second hand bumper huwa madwar hamsa u ghoxrin Lira (Lm25).

Ra x-xhieda ta' Chris St. John fejn jghid illi waqt li kien wieqaf fit-traffic sema' hoss ta' habta u hekk kif hares fil-mera ra l-vettura ta' Camilleri tirrejzja l-magna u baqghet gejja fid-direzzjoni tieghu u habtet mieghu. St. John jghid illi fuq il-karozza tieghu hass biss daqqa wahda u kbira.

Jikkonferma r-rapport li ta lil warden.

Fil-front to rear form l-partijiet ma kitbu ebda dettal dwar jekk BAI852 kienet diga mahbuta mal-vettura MAR086 fil-mument li l-vettura POL 444 dahlet go fiha. Il-konvenuta tghid li indunat bil-habta bejn Mrs. Camilleri u l-karozza ta' quddiemha wara li kienet "strihat" fuq il-karozza ta' Mrs. Camilleri.

Is-surveyor Natalino Agius qal li l-hsara fuq wara tal-vettura ta' Camilleri kienet xi hamsin Lira (Lm50)

Illi mix-xhieda ta' Chris St. John jirrizulta li sema hoss ta' habta, imbaghad hares lura u ra lil vettura ta' Mrs. Camilleri gejja fid-direzzjoni tieghu. Dan ifisser li Camilleri ma kienetx habtet mal-karozza ta' Chris St. John qabel

ma kien hemm il-habta bejn il-partijiet. Ghalhekk l-konvenuta hi risponsabbli ghad-danni kollha li gew anki kkonfermati minn survey. Illi Marisa Stella Camilleri dejjem baqghet konsistenti fil-versjoni taghha.

Ghalhekk jichad r-risposta tal-konvenuta u jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta biex thallas mitejn u tnejn u ghoxrin Lira u seba u erbghin centezmu. (Lm222.47c) bl-imghax mill-11 ta’ Novembru 2004 u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------